TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 9 ta' Dicembru 2016

Avviz Nru 40/2016

Go Plc

Vs

Lornic Kasco

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf mitejn u sittin Ewro u tnax il-centezmu (€ 1260.12) import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra' illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenut qatt ma pprezenta risposta jew deher biex jikkontesta t-talba.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-6 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra' l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnali 'The Times of Malta' u 'L-Orrizzont'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016, it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici tikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

L-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali ma ghandhomx pero jigu akkolti stante illi din ma gietx esebita.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elf mitejn u sittin

ewro u tnax il-centezmu (€1260.12) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha eskluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali kontra l-konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur